MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Rikors Ta Revoka Numru. 4/2008

**Carmen Mallia**

**vs**

**Jason Mallia**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat r-rikors ta’ Jason Mallia fejn talab ir-revoka a termini ta’ l-artikolu 283A tal-Kap 12 tal-mandat ta’ sekwestru 334/07 mahrug minn Carmen Mallia kontra tieghu.

Rat ir-risposta ta’ Carmen Mallia fejn opponiet dina t-talba.

Semghet lill Avukat difensuri jittrattaw;

**Tikkunsidra**

Ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka ta' l-imsemmi mandat billi qed jikkontendi li dan inhareg abbuzivament stante li ghalkemm hu minnu li huwa ghandu jaghti manteniment izda l-ammont mitlub ma hux cert, likwidu u dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni izda hu ammont assunt mill-intimata u tali ammont qatt ma gie kanonizzat. Il-fatt li l-intimata ressqet ittra ufficjali ma jfissirx li b'hekk irrendiet il-pretenzjoni taghha esekuttiva.

L-intimata wiegbet li hawn si tratta ta' att pubbliku redatt minn Nutar taht l-Awtorita' tal-Qorti li ffissa manteniment b'mod car u nekwivoku ghalhekk jikkostitwixxi titolu esekuttiv.

**Tikkunsidra**

Illi mill-att ta' separazzjoni ezibit mill-partijiet jirrizulta li r-rikorrent obbliga ruhhu li jivversa lill-intimata bhala manteniment <u>ghat-tifel Lucas</u> is-somma ta' Lm10 fil-gimgha, <u>liema manteniment jizdied skond l-indici tal-Gholi tal-Hajja ppublikat mill-Gvern</u>.

Illi ghalhekk jidher li l-manteniment gie diga ffissat preventivament u dana kellu jghola skond l-gholi tal-hajja, u konsegwentement dan l-gholi ghandu jigi kkunsidrat bhala gja ffissat cert u dovut u esegwibbli kif ghamlet l-intimata minghajr il-htiega li tikkannonizza dana l-ammont permezz ta' citazzjoni (rikors guramentat). L-intimata pprezentat id Dok 2 li huma l-kalkoli ghal kif waslet ghall ammont mitlub. L-intimata ma ffissatx l-ammont mitlub unilaterlament u arbitrarjament imma skond il-ftehim preciz u l-kriterju oggettiv imsemmi fil-kuntratt ta' separazzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi

Il-Qorti tiddeciedi
Li m'hemmx ragunijiet validi ghaliex il-Qorti ghandha tirrevoka l-mandat imsemmi.
Tichad it-talba.
Spejjez ghar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------